# Dawl Ġdid fuq il-Vara tad-Duluri (Adolorata) illi tinsab fil-Knisja tal-*Gran Fontana*

Robert L. Grech

Id-dinja tar-riċerka storika hija dinja illi dejjem tagħti lok għal skoperti ġodda. Hi dinja li dejjem tgħin biex jingħaqdu il-ħjut tal-istorja illi fl-aħħar mill-aħħar jifformaw parti mill-għanqbuta l-kbira tal-istorja tal-identita kollettiva tagħna. Aspett ieħor affaxxinanti li ta' spiss jimmanifesta ruħu fid-dinja tar-riċerka huwa l-fatt illi meta r-riċerkatur ikun ifittex fuq suġġett speċifiku, mhux l-ewwel darba illi jiskopri sejbiet ġodda li ma jidħlux f'dik il-linja speċifika li jkollu f'moħħu dak il-ħin. Dawk is-sejbiet ċkejknin allura wieħed jerfagħhom sa meta jigi l-waqt opportun biex wieħed jikteb spunti minn sejba interessanti.



*Dun Salvatore Portelli*

Hekk ġara lili. Bħal dan iż-żmien sena ilu kont qiegħed inqalleb ir-registri tal-arkivju tal- Parroċċa tal-Fontana għal skopijiet ta' riċerka speċifika u differenti minn dak li qiegħed nikteb dwaru issa. Tiġi f'idi l-irċevuta tal-fabbrika tant magħrufa u rikonoxxenti tal- istatwarju *Louis Ramat* ta' Marsilja, Franza. L-irċevuta datata 17 ta' Marzu 1912, hija f'isem l-ewwel Kappillan tal-Fontana Don Giuseppe Hili (1876 – 1937) u tittratta l-ħlas tal- istatwa tal-*papier mache* tad-Duluri (Adolorata). Din aktarx hija l-uniku riċevuta li teżisti għall-vara illi sa issa rnexxieli nsib f'dan l-arkivju parrokkjali partikolari. Iżda tal-iskantament kien, illi ma' din l-irċevuta instabet ukoll karta oħra forma ta' ittra miktuba bit-Taljan mill-Kappillan ta' San Lawrenz Dun Salvatore Portelli (1864 – 1937). Allura dawn iz- żewġ dokumenti jitfgħu dawl ġdid fuq l-istorja tal-kummissjoni tal-vara tad-Duluri li sa issa kien għadu ma nkiteb kważi xejn dwarha u anke x'relazzjonijiet seta' kien hemm bejn iż- żewġ parroċċi u ċjoe' dik tal-*Gran Fontana* u dik ta' San Lawrenz, Għawdex.

Infatti minn żewġ kotba ppublikati li jittrattaw dwar l-istorja tal-parroċċa tal-Fontana naraw illi wieħed biss jagħmel riferenza għal din l-istatwa tad-Duluri fejn din tiġi msemmija biss bħala 'statwa antika tad- Duluri tal-Verġni Marija'. L-istatwa tad-Duluri tinsab fejn il-bieb tan-naħa tat-tramuntana tal-faċċata tal-knisja tal-Qalb ta' Ġesù u ġiet ordnata mill-fabbrika ta' Louis Ramat (li kien is-suċċessur ta' *Gallard et Fils*) ġewwa Marsilja li għal dak iż-żmien l-istatwi tagħhom kienu ferm popolari maċ-ċrieki ekkleżjastiċi ta' Malta u Għawdex, partikolarment, u wisq probabbli minħabba l-ħlewwiet u ġesti piji u sempliċi tal-figuri li permezz tagħhom kienu mqanqla diversi devozzjonijiet fil-qlub tal-popolin. Infatti f' Għawdex l-ewwel statwa titulari li nġabet min Marsilja kienet dik tal-Assunzjoni (1863) taż-Żebbuġ minn Dun Ġwann Camilleri. Barra minn hekk, Għawdex spiċċa infatti biex ibbenifika minn total ta' seba' statwi titulari minn din il-fabbrika ta' Marsilja.



Maison Fondée en 1830
ATELIERS SPECIAUX
DE STATUES RELIGIEUSES

GALARD
STATUAIRE
L. RAMAT, SUCCESSEUR
Rue de la Fare, 27

Marseille, le 17 Mars 1912

Monsieur D. Giuseppe Hili
Parroco di Gran Fontana Doit
Gozo-Malte
le montant des articles ci-après payable comptant sans escompte

Une statue de N. Dame des Sept douleurs, en carton modelé, grandeur naturelle, ... 460 fr
... et emballage: 28
Total: 488 fr

Għalkemm l-irċevuta tal-vara hija indirizzata f'isem il-Kappillan Dun Giuzeppe Hili, l-ittra annessa magħha turi li fil fatt il-vara kienet ordnata mill-Kappillan ta' San Lawrenz Dun Salvatore Portelli, aktarx għan-nom ta' u

kif imqabbad mill-kappillan tal-Fontana Dun Ġużepp Hili. Infatti, skont l-ittra datata 22 ta' Marzu 1912 il-Kappillan ta' San Lawrenz jikteb u jinforma lill-Kappillan tal-Fontana Dun Giuseppe Hili li qiegħed jibgħatlu bil-ħeffa notifika għaliex kien għadu kif gie infurmat fis-17 tax-xaħar korrenti (Marzu 1912) li l-istatwa aktarx kienet diġa' waslet Malta fuq il-bastiment 'Carthageo'.

Barra minn hekk ir-rendikont fl-aħħar tal-ittra juri illi l-istatwa ġiet tiswa £18. 15s. 7d, li kien l-ammont tipiku li jitħallas għal statwi minn din il-fabbrika (esklużi dawk titulari). Filwaqt li l-ispejjes tal-imbullaġġ għal-Malta ammontaw għal-£0. 17s. 6d. Il-Kappillan Portelli ħallas ukoll £0. 2d. 7s. għall-posta. Ir-rendikont ukoll jinkludi pagamenti tax-xema' u anke saħansitra l-predikatur li jista' jagħti indikazzjoni illi saret speċi ta' ċerimonja meta waslet din l-istatwa.

Huwa kurjuż għalfejn fis-snin 1911/12 intgħażlet il-fabbrika ta' *Louis Ramat* ta' Marsilja biex inħadmet din l-istatwa tad-Duluri partikolari. Jista' jkun li l-affari tiċċara meta wieħed iqis illi fil-1907 il-vara titulari tal-Qalb ta' Ġesù li kienet ordnata aktarx mingħand id-ditta Taljana *Francesco Rossa* minn Ruma ma tantx kienet intgħoġbot. Dan partikolarment għaliex kienet tqila wisq u ma tantx irnexxiet. Infatti snin wara din il-vara ġiet mibdula ma' vara oħra maħduma mill-istatwarju Wistin Camilleri u mogħtija minnu stess lill-parroċċa tal-*Gran Fontana* (1923). Allura meta tqis dan kollu inkluż il-fama li l-fabbrika ta' Marsilja kellha ġewwa Malta u Għawdex huwa probabbli li ntgħażlet din il-fabbrika mhux biss għaliex kienet popolari imma wkoll bħala alternattiva oħra għal dik ta' *Francesco Rossa*.

Jekk wieħed jistaqsi kif jidħol f'din l-istorja l-Kappillan ta' San Lawrenz Dun Salvatore Portelli, ir-risposta tista' tvarja. Hawnhekk, jidher illi kien hawn il-possibbilta ta' konoxxenza u ta' ħbiberija bejn iż-żewġ Kappillani. Infatti dawn iż-żewġ Kappillani kellhom ċirkostanzi tal-ħajja kemm xejn simili. Dun Ġiuseppe Hili u Dun Salvatore Portelli kienu t-tnejn li huma l-ewwel kappillani ta' żewġ parroċċi ġodda illi twaqqfu pjuttost wara xulxin. Difatti l-parroċċa tal-Fontana (1911) saret parroċċa eżatttament wara dik ta' San Lawrenz (1893) u ż- żewġ Kappillani kellhom l-ambizzjoni li jfornu l-knejjes tagħhom b'xogħlijiet ta' arti. Infatti l-knejjes taż-żewġ parroċċi jistgħu jiftaħru b'diversi kwadri rinomati inkluż żewġ kwadri titulari tal-famuż pittur Malti Ġ*iuseppe Calì*. U sas-snin 30 jidher ċar mill-analiżi ta' l-istorja li jien għamilt taż-żewġ parroċċi, illi kienu għaddejjin kontinwament b'kommissjonijet tax- xogħlijiet tal-arti. Barra minn hekk iż-żewġ parroċċi għandhom l-uniku żewġ orgnijiet f' Għawdex akkwistati fi snin differenti mingħand il-fabbrika *Guidici e Laudani* ta' Palermo u allura jidher ċar illi seta' kien hemm konsultazzjoni mill-qrib bejn iz- żewġ kappillani.

Fid-dokumenti tal-arkivju tal-parroċċa ta' San Lawrenz ma jidhirx illi dak iż-żmien il- Kappillan ta' San Lawrenz kien ordna statwa tal-karta pesta ma' dik tad-Duluri illi ordna f' isem il-Kappillan Dun Ġiuseppe Hili għal din il-parroċċa. Allura wieħed ma jistax jgħid illi ż-żewġ kappillani setgħu ftiehmu biex iġibu żewġ statwi f'daqqa kif ġie li ġara b'certu kommissjonijiet ekkleżjastici. Pero' jidher ċar illi l-Kapppillan Dun Salvatore Portelli kien ammiratur tal-istatwi tal-fabbrika ta' Marsilja. Infatti kien hu illi kien ġab il-vara titulari ta' *San Lorenzo* (1895) li jingħad illi kienet intlaqgħet tajjeb ħafna mill-poplu ta' dak iż-żmien. Is-'suċċess' ta' din il-vara ta' San Lawrenz saħansitra waslet biex l-istess kappillan ordna tliet statwi oħra minn din il-fabbrika fosthom dik tal-*Beata Vergine Adolorata* / Duluri (1898), is- *Sacro Cuore di Gesu* (1901) u l-aħħar waħda ta' *Sta Antonio di Padova* (1910). Hawnhekk jidher ċar illi l-imsemmi Kappillan ta' San Lawrenz seta' kellu relazzjonjiet ferm tajbin mal- fabbrika ta' Marsilja. U għalhekk wieħed jista' jażżarda jikkonkludi li l-kapaċita tal- Kappillan Portelli li jordna dawn l-istatwi minn Marsilja setgħet ħajret il-Kappillan Dun Ġiuseppe Hili biex javviċinah.

Barra minnhekk, iż-żewġ kappillani kienu ġejjin minn familji influwenti tal-qassisin. Il- Kappillan ta' San Lawrenz Dun Salvatore Portelli kien il-kbir fost ħamest aħwa saċerdoti li kienu Dun Pio Portelli (Viċi fil-parroċċa tal-Għarb), Dun Karmelo Portelli (l-Arċipriet tal- Għarb), Dun Ġużepp Portelli (Rettur tas-Santwarju ta' Pinu) u Dun Grazio, filwaqt ili Dun Giuzeppe Hili kellu lil ħuh Don Alfonzo Marija Hili li kien l-arċipriet tar-Rabat ta' Għawdex. Filwaqt illi l-aħwa Hili kellhom tliet knejjes taħt is-sorveljanza tagħhom (il- Katidral tal-Assunta, il-knisja ta' San Ġorġ Martri u l-knisja tal-Gran Fontana), l-aħwa Portelli kellhom tliet knejjes oħra (il-knisja ta' San Lawrenz, tal-Viżitazzjoni l-Għarb u s- Santwarju ta' Pinu). Difatti ż-żewġ familji jagħmlu parti minn kuntest pjuttost interessanti fejn kien hawn familji ekkleżjastiċi kbar jiddominaw l-isfera reliġjuża. F'dan il-kuntest tal-familja Hili u Portelli kien hemm familja illi eżerċitat l-influwenza tagħha fl-inħawi tal-Punent u l- oħra fil-parti ċentrali tal-gżira Għawdxija.

Konnessjoni bejn dawn l-aħwa tkompli tiżvolġi meta wieħed ikompli janalizza aktar fil-fond. Infatti ħu Dun Salvatore Portelli, Dun Ġużepp Portelli (ir- rettur ta' Pinu) minbarra li kien maħtur monsinjur tal-Katidral ta' Għawdex kien laħaq ukoll viċi rettur flimkien ma' Dun Alfonz Marija Hili, ir-rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù meta l-Ġiżwiti telqu mis- Seminarju ta' Għawdex fl-1909. Barra minn hekk Dun Salvatore Portelli flimkien ma' Dun Alfonz Marija Hili studjaw fl-istess żmien fis-Seminarju.

Jista' jkun il-konnessjoni bejn dawn iż-żewġ familji ekklezjastici laħqet il-qofol tagħha fil- kummissjoni tal-istatwa tal-Madonna tad-Duluri (Adolorata) li tinsab fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. U b'hekk għall-ewwel darba wieħed jista' jifhem aħjar il-kuntest dinamiku ta' kif din l-istatwa spiċċat fil-knisja tal-Fontana. Wieħed jista' ukoll jikkonkludi li din l-istatwa kienet indirettament biċċa kummissjoni artistika oħra fil-portafol ta' Dun Salvatore Portelli li saret barra mill-parroċċa tiegħu.